DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1467** **02. 08. 2011**

**IL-GVERN INIEDI L-KAMPANJA 'CAR FREE DAY 2011'**

Il-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità, li tiġi organizzata bejn is-16 u t-22 ta' Settembru kull sena fl-Ewropa, hi kampanja wiesgħa intiża biex toħloq għarfien akbar dwar mezzi ta' trasport alternattiv bħal sewqan bir-rota u mixi. Għan ieħor hu li tħeġġeġ it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-karozzi bħala l-mod primarju tat-trasport. Il-kampanja tal-2011 għal *Car Free Day* se tippromwovi forom alternattivi ta' trasport li fl-aħħarnett jikkontribwixxu lejn titjib ambjentali bħal titjib fil-kwalità tal-arja u tnaqqis mill-ħsejjes u l-konġestjoni.

Din is-sena, il-*Car Free Day* ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru 2011. Dakinhar sitt Kunsilli Lokali u tliet għaqdiet volontarji se jorganizzaw attivitajiet sportivi, kulturali u artistiċi f'xi wħud mit-toroq tal-ibliet u l-irħula rispettivi.

Bi preparazzjoni għal din il-kampanja, il-Kunsilli Lokali u l-għaqdiet volontarji kienu mistiedna biex jissottomettu proposti għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet matul il-*Car Free Day*. Ġew sottomessi total ta' 20 proposta minn lokalitajiet u għaqdiet volontarji. Il-proposti jinkludu attivitajiet bħal organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi marbuta mal-promozzjoni ta' mobilità sostenibbli mingħajr karrozzi (bħal mixi, *cycling* u ġiri), l-organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali u artistiċi inkluż wirjiet fit-toroq marbuta mat-tema tal-*Car Free Day*, attivitajiet rekreazzjonali u ta' divertiment għall-familji, attivitajiet li jinvolvu t-tfal u żgħażagħ kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-*Car Free Day*, li l-iskop ewlieni tagħhom hu li jippromwovu l-miri u l-messaġġi għall-kampanja.

Wara evalwazzjoni, numru ta' proposti li l-aktar li kienu tajbin, intagħżlu mill-kumitat inter-ministerjali li kellu l-kompitu li jagħmel il-preparazzjonijiet neċessarji għall-kampanja. Il-proposti magħżula huma mill-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa, l-Imġarr, in-Nadur, il-Kalkara, il-Ħamrun u Santa Luċija kif ukoll mill-għaqdiet volontarji *Friends of the Earth*, Oratorju Don Bosco (Għawdex) u l-Fondazzjoni *Inspire*.

Il-fondi li jammontaw għal €24,000 ingħataw mis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura, Mario de Marco u mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika Chris Said f'ċerimonja ta' għoti ta' premjijiet li saret illum.

Is-Segretarju Parlamentari Mario de Marco qal li *Car Free Day* hija opportunità li tgħin biex tkabbar l-kuxjenza ambjentali. Hu faħħar l-inizjattiva tal-Kunsilli Lokali u l-għaqdiet volontarji li se jipparteċipaw fl-attività u qal li dawn l-attivitajiet jgħinu biex ikattru l-attività fil-lokalitajiet differenti filwaqt li jwasslu messaġġi edukattivi dwar l-ambjent. Mario de Marco qal li l-attivitajiet



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

marbuta ma' *Car Free Day* jgħinu biex il-pubbliku japprezza aktar li l-investiment fit-titjib ambjentali jwassal għal kwalità ta' arja aħjar li fl-aħħarnett ifisser kwalità ta' ħajja aħjar għall-poplu Malti. Hu fakkar li l-Gvern qed jinvesti fit-titjib tal-kwalità tal-arja permezz ta' diversi skemi fosthom skema biex min jixtri karozza ġdida u jiskreppja waħda li għandha aktar minn għaxar snin jingħata għotja sa €2,000.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said sostna li l-Kunsilli Lokali u l-NGOs għandhom rwol ewlieni fit-tkattir ta' kuxjenza favur l-ambjent u kontra t-tniġġiż. Meta jieħdu inizjattivi bħal dawk li se jiġu organizzati fil-*Car Free Day*, il-Kunsilli Lokali jservu ta' eżempju għar-residenti kollha tal-lokalità u jgħinu biex l-istess residenti jieħdu huma wkoll inizjattivi ambjentali. Hu semma kif bl-għajnuna tal-Gvern, 44 Kunsill Lokali qed jiffrankaw 125,000 ewro f'konsum tad-dawl fis-sena u qed jiġġeneraw 163 tunnellata ta' Co2 anqas fis-sena. Dan grazzi għal proġetti li wettqu u li kienu jinvolvu l-istallazzjoni ta' pannelli foto-voltajiċi jew *solar water-heaters*. Din is-sena 29 Kunsill Lokali rċevew terz ta' miljun ewro biex iwettqu 33 inizjattiva u proġett differenti li permezz tagħhom jiġġeneraw l-enerġija minn sorsi alternattivi b'mod partikolari mill-enerġija tax-xemx.